MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 716/2013

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Antoine Rene Delestre K.I. 68871(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u sebgħa u għoxrin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€727.23), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40186309* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' seba' mija u sebgħa u għoxrin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€727.23), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fit-22 ta' Mejju 2013, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------